MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Numru 193/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Grech**
**V**
**CARMELO FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMELO FARRUGIA** ta' sitta w tletin sena bin Paul u Mary nee Caurana, imwieled Pietas nhar l-erbgha ta' Settembru 1967 u residenti 35, 'Redemer' Triq Cappadocia, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 371967M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2005 ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija fil-Belt Valletta:

1. Bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti arresta, zamm jew issekwestra lil OMISSIS kontra l-volunta taghha bhala mezz biex igieghla taghmel

xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Ramona Mifsud u tapplika l-provvedimenti tal-artikou 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn ta' Marzu 2005 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tnejn ta' Marzu 2005 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.
Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn ta' Marzu 2005 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri gew inizjati a bazi tal-ammissjoni tieghu stess waqt li rrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita

f'dawn l-atti markata bhala dokument CSH 3 kif del resto stqarr l-Ufficjal Prosekutur.

Il-Qorti qiset wkoll l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti rat wkoll dak li qal l-Ufficjal Prosekutur fis-seduta ta' llum u cioe li l-imputat fl-ebda hin ma kellu kuntatt fiziku mal-vittma u lanqas ma staqsiha biex jkollha kuntatt mieghu.

Rat wkoll li s-sekwestru tal-vittma kien fis-sens li zammha fuq ix-xarabank bil-bieb maghluq fis-sens li ma setghetx titlaq liberament.

Rat wkoll li l-imputat iddispjacih ghal dak li ghamel dan minn ftit minuti wara li sehh l-incident kif del resto stqarr fl-istqarrija tieghu.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 86, 87, 209 u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat CARMELO FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin u ai termini tal-artikolu 14(2) qed taghti l-fakulta lil imputat jhallas din il-multa f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin ta' Marzu 2005.**

**Tordna lil imputat ma jimmolestax, ma jkellimx u ma jingurjax lil OMISSIS ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna illi d-divjet ta' isem il-vittma f'dawn il-proceduri b'dan li ma jigix ippublikat isimha u l-konotati taghha.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------